# Rekwiżiti għall-impjanti ta' pproċessar (rendering)

## Kontentu


- X'inhu rendering?
- Fejn nista' nsib il-Metodi Standard ta' Pproċessar?
- Kif niġi approvat/a?
- Irrid ngħaddi minn proċess ta' validazzjoni?
- Liema huma r-rekwiżiti speċifiċi għall-ipproċessar ta' metodu 7?
- Is-separazzjoni: għaliex hija importanti?
- Liema huma r-rekwiżiti ta' separazzjoni fl-impjanti tal-ipproċessar?
- Liema huma r-rekwiżiti  addizzjonali ta' iġjene meħtieġa?
- Liema rekwiżiti ta' operat għandhom jintlaħqu?
- Liema huma r-rekwiżiti speċifiċi għal materjali ta' kategorija 1 u 2?
- Liema huma r-rekwiżiti speċifiċi għal materjal ta' kategorija 3?
- Liema huma r-rekwiżiti speċifiċi ta' separazzjoni għall-impjanti ta' pproċessar fl-istess sit li jservi wkoll ta' biċċerija?
- Kif għandu jiġi trattat l-ilma mormi?
- Liema ttestjar mikrobijoloġiku ta' rutina jenħtieġ?
- Għandi bżonn Proċedura Standard ta' Operat?
- Liema huma r-rekwiżiti b'rabta mal-immarkar permanenti bil-glycerol-trihepta-noate (GTH)?


## X'inhu rendering?

Rendering huwa proċess li jinvolvi t-tisjir ta' prodotti sekondarji mill-annimali f'temperatura għolja, ħafna drabi taħt pressjoni, sabiex jitneħħa l-ilma filwaqt li jiġi sseparat mill-materjal mimli proteini.

## Fejn nista' nsib il-Metodi Standard ta' Pproċessar?

Il-leġislazzjoni relevanti tal-UE hija:

- Regolament **1069/2009** hawnhekk imsemmi bħala r-"Regolament ta' Kontroll".
- Regolament ta' Implimentazzjoni **142/2011** hawnhekk imsemmi bħala r-"Regolament ta' Implimentazzjoni".

Anness IV kapitolu III tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-UE jipprovdi dettall dwar seba' metodi standard tal-ipproċessar inkluż ħinijiet, temperaturi u rekwiżiti dwar il-qies tal-partiċelli. Il-metodu ta' pproċessar meħtieġ jiddependi mill-kategorija u n-natura tal-materjal nej li jkun qed jiġi pproċessat.

## Kif niġi approvat/a?

Biex wieħed ikun approvat, għandu jagħmel kuntatt mad-Dipartiment għas-Saħħa u l-Benesseri tal-Annimali, Triq il-Biċċerija, Albertown Marsa fuq 22925372/76**,** jew jibgħat email fuq abpsection.mafa@gov.mt Tista' wkoll tikseb formola ta' applikazzjoni għan-negozju tiegħek billi tibgħat talba lill-istess indirizz elettroniku.Din il-formola għandha timtela u tintbagħat lura sabiex isir appuntament għal spezzjoni ta' approvazzjoni. Għandhom jiġu osservati l-kundizzjonijiet dettaljati u wieħed għandu jissodisfa lill-uffiċjal li jagħmel l-ispezzjoni billi juri li kapaċi jopera l-faċilità b'mod kompjaċenti mal-leġislazzjoni. Ladarba jkun sodisfatt, id-Dipartiment għas-Saħħa u l-Benesseri tal-Annimali joħroġ dokument ta' approvazzjoni li jippermettilek topera.

Ladarba tiġi approvat/a tkun suġġett/a għal spezzjonijiet ta' rutina, liema frekwenza tkun ibbażata fuq ir-riskju li jista' jkun hemm kawża tal-operazzjoni u kemm tkun kompjaċenti fl-operat. Preżentament mhemmx ħlasijiet għal dawn l-apporvazzjonijiet jew spezzjonijiet ta' rutina.

## Irrid ngħaddi minn proċess ta' validazzjoni?

Bħala parti mill-proċess ta' approvazzjoni, l-operatur għandu jgħaddi minn proċess ta' validazzjoni. L-iskop ta' din il-validazzjoni huwa li jiġu definiti l-parametri tal-operat ta' proċess partikolari li jilħaq ir-rekwiżiti miniżżla fil-leġislazzjoni. Hija r-responsabbiltà tal-operatur li ssir din il-validazzjoni iżda din għandha ssir b'diskussjoni mad-Dipartiment għas-Saħħa u l-Benesseri tal-Annimali. Ir-rekwiżiti ta' validazzjoni huma deskritti f'Anness XVI kapitolu I taqsima 2 tar-Regolamenti ta' Implimentazzjoni tal-UE.

Il-validazzjoni għandha tiġi rrepetuta wara bidla sinifikanti fil-proċess, pereżempju, bidla fil-materja prima, bidla li sseħħ fir-rata tat-throughput jew meta ssir bidla fil-makkinarju għall-ipproċessar. Jekk tkun saret bidla sinifikanti, l-operatur għandu jkun għamel validazzjoni b'suċċess tal-proċess il-ġdid mad-Dipartiment għas-Saħħa u l-Benesseri tal-Annimali qabel il-bidla.

Metodu 7 tal-ipproċessar jista' jkun jeħtieġ li jintlaħqu rekwiżiti mikrobijoloġiċi speċifiċi qabel toħroġ l-approvazzjoni (ara hawn isfel).

## Liema huma r-rekwiżiti speċifiċi għall-ipproċessar ta' metodu 7?

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-UE jispeċifika l-kriterji għall-awtorizzazzjoni ta' metodu 7 tal-ipproċessar. Kwalunkwe metodu tal-ipproċessar jista' jiġi awtorizzat mill-awtorità kompetenti bħala metodu 7 tal-ipproċessar ladarba l-operatur juri lill-awtorità dawn li ġejjin:

- L-identifikazzjoni ta' perikli relevanti fil-materjal tal-bidu, fir-rigward tal-oriġini tal-materjal, u tar-riskji potenzjali fir-rigward tal-istat ta' saħħa tal-annimali tal-Istat Membru jew l-area jew iż-żona fejn ser ikun qed jintuża l-metodu
- Il-kapaċità tal-metodu tal-ipproċessar biex jirriduċi dawk il-perikli għal livell li ma jpoġġi l-ebda riskju sinifikanti għas-saħħa pubblika u dik tal-annimali
- It-teħid ta' kampjuni, kuljum, tal-prodott finali fuq perjodu ta' 30 jum ta' produzzjoni b'mod kompjaċenti mal-istandards mikrobijoloġiċi li jsegwu:

Kampjuni ta' materjal meħuda direttament wara t-trattament:

- Clostridium perfringens assenti f' 1g

Kampjuni ta' materjal meħdua waqt jew wara li jkun ħareġ mill-maħżen:

- Salmonella assenti f' 25g: n=5, c=0, m=0, M=0
- Enterobacteriaceae: n=5, c=2; m=10; M=300 in 1 g

Il-parametri t'hawn fuq huma spejgati fil-gwida għar-rekwiżiti dwar **ittestjar** fil-laboratorji għal prodotti sekondarji mill-annimali.

Il-prodotti finali kollha għandhon jew jinżammu sa ma jgħaddu t-30 jum tal-perjodu ta' ttestjar jew inkella jintremew. Ir-rimi għandu jsir b'mod approvat għar-rimi ta' dik il-kategorija ta' prodotti nejjin ġejjin mill-annimali.

Jekk xi wieħed mit-30 riżultat ta' kull jum ma jilħaqx l-istandards mikrobijoloġiċi tas-Salmonella, allura tittieħed azzjoni taħt il-kontroll ta' uffiċjal mid-Dipartiment għas-Saħħa u l-Benesseri tal-Annimali. Dan jinvolvi l-ipproċessar mill-ġdid jew il-qerda tal-prodott finali. Tittieħed azzjoni simili fir-rigward ta' nuqqasijiet oħra.

L-awtorità kompetenti tista' tawtorizza kwalunkwe metodu ta' ipproċessar bħala metodu 7 jekk jitnwerew/jiġu provduti dawn li ġejjin lill-awtorità mill-operatur:

- deskrizzjoni sħiħa tal-proċess: inkluż dettalji ta' kif ser jopera l-proċess u dijagramma ta' kif ser jaħdem il-proċess; punti kritiċi definiti ta' kontroll (temperatura, pressa, żmien ta' esponiment, pH, qies tal-partiċelli); speċifikazzjoni tat-tagħmir inkluż dettalji ta' kalibrazzjoni u pjan HACCP
- deskrizzjoni sħiħa tal-materja prima: kategorija, sotto-kategorija, proprjetajiet fiżiċi (qies tal-partiċelli, kontenut ta' ilma); pretrattament (jekk inhu l-każ)
- identifikazzjoni ta' perikli bijoloġiċi (għas-saħħa umana u tal-annimali). Dawn il-perikli għandhom jiġu identifikati fir-rigward tal-oriġini tal-materja prima, kategorija, sotto-kategorija, l-istat ta' saħħa tal-annimal tal-Istat Membru jew area jew żona fejn jintuża l-metodu u d-destinazzjoni/l-użu tal-prodott

- dimostrazzjoni ta' nuqqas ta' riskju: dimostrazzjoni tal-kapaċità tal-metodu li jnaqqas il-perikli identifikati għal livell li ma joffrix riskji sinifikanti għas-saħħa pubblika u lanqas dik tal-annimali. Din għandha ssir billi wieħed jiffoka fuq il-perikli relevanti li huma aktar diffiċli jiġu diżattivi.
- Il-mekkaniżmu li juri n-nuqqas ta' riskju ser ikun jiddependi mill-proċess u n-natura tar-riskju. L-aktar parti importanti taqa' fuq l-operatur tal-proċess li juri li r-riskji jkunu tnaqqsu.

Dan kollu jista' jinkiseb billi wieħed isegwi dawn l-approċċi:

- Juri b'mod kwantitattiv in-nuqqas ta' organiżmi li jindikaw l-endoġeni u li huma preżenti b'mod kostanti f'materja prima f'ammonti kbar. Dan jista' jinkiseb billi tiġi ttestjata l-materja prima bil-għan li jiġi identifikat liema organiżmi huma preżenti, segwit minn test tal-prodott lest biex jintwera t-tnaqqis adegwat fin-numru ta' dawn l-organiżmi. Dawn l-organiżmi m'għandhomx ikunu anqas reżistenti għall-proċess ta' trattament minn perikli bijoloġiċi oħra identifikati preżenti fil-materja prima.
- Jistabbilixxi nuqqas ta' riskju. Fejn il-fatturi li jwasslu għal tnaqqis fir-riskju huma magħrufa sew (dokumentati), il-mudell ta' nuqqas ta' riskju huwa stabbilit sew u kejl kontinwu dirett tal-fatturi li jwasslu għat-tnaqqis ta' riskju jinsabu fis-seħħ, għaldaqstant dan jista' jintuża biex jikkonferma li t-trattament jista' jirriżulta fi tnaqqis ta' riskju.
- Validazzjoni sperimentali: Introduzzjoni ta' organiżmu kkaratterizzat tajjeb bħala test, f'korp tajjeb għat-test, fil-materjal tal-bidu u testijiet sussegwenti tal-prodott finali biex jiġi kkonfermat it-tnaqqis tar-riskju (dan l-approċċ għandu dejjem jiġi diskuss mad-Dipartiment għas-Saħħa u l-Benesseri tal-Annimali qabel ma jsir it-tali eżerċizzju ta' validazzjoni).

Approvazzjonijiet għall-ipproċessr b'metodu 7 maħruġa qabel l-4 ta' Marzu 2011 skont ir-regolament KE/1774/2002 ġeneralment ikunu aċċettati, sakemm ma jkunx meqjus li l-perikli mikrobijoloġiċi jkunu ġew identifikati qabel. L-approvazzjonijiet tal-ipproċessar b'metodu 7 maħruġa qabel l-4 ta' Marzu 2011 jistgħu jiġu sospiżi (b'mod permanenti jew temporanju) mid-Dipartiment għas-Saħħa u l-Benesseri tal-Annimali jekk ikun hemm evidenza li l-perikli mikrobijoloġiċi relevanti fil-materjal tal-bidu jew il-kapaċità tal-metodu biex jitnaqqsu l-perikli għal livelli ta' saħħa aċċettabbli, għall-annimali u għall-pubbliku, jkunu nbidlu b'mod sostanzjali.

## Is-separazzjoni: għaliex hija importanti?

Is-separazzjoni ta' materjali hija importanti ferm biex ikun assigurat li r-riskji marbuta ma' prodotti sekondarji mill-annimali jiġu kkontrollati b'mod effettiv. Dan jinkludi ż-żamma ta' materja prima nejja separata mill-prodott finali pproċessat kif ukoll is-separazzjoni ta' kategoriji ta' prodotti sekondarji. Għal aktar informazzjoni wieħed għandu jagħmel kuntatt mad-Dipartiment għas-Saħħa u l-Benesseri tal-Annimali.

Sabiex ikun hemm prevenzjoni ta' kontaminazzjoni inkroċjata, kategoriji differenti ta' prodotti sekondarji mill-annimali idealment għandhom isiru f'siti differenti. Madanakollu, dan mhux dejjem huwa prattiku u xi impjanti tal-ipproċessar ikunu jixtiequ li jagħmlu aktar minn kategorija waħda ta' prodotti fl-istess sit. F'dawn il-każijiet huwa essenzjali li s-separazzjoni tinżamm bejn il-kategoriji ta' prodotti sekondarji mill-annimali mhux ipproċessati kif ukoll bejn dawk mhux ipproċessati u l-prodotti proċessati.

Fi ħdan kull kategorija, tista' tintalab is-separazzjoniji bejn il-linji differenti ta' pproċessar ta' speċi differenti. Preżentament, ir-riżultat ta' linji ta' prodotti ta' mammali, ħut u tjur jista' jkollhom użi differenti jekk jiggarantixxu li m'hemmx kontaminazzjoni inkroċjata.

## Liema huma r-rekwiżiti ta' separazzjoni fl-impjanti tal-ipproċessar?

Għandu jkun hemm fis-seħħ proċeduri, li għandhom jiġu segwiti biex kategoriji differenti ta' prodotti sekondarji mill-annimali jinżammu separati minn xulxin f'kull ħin. Biex jiġi minimizzat ir-riskju ta' kontaminazzjoni inkroċjata, jeħtieġ li jkun hemm separazzjoni fiżika adegwata. Din tista' tinqasam f'żoni speċifiċi:

- Disinn u Struttra
- Binjiet
- Tagħmir

- Tindif u Diżinfezzjoni
- Ħażna
- Persunal

## Disinn, tagħmir, tindif u persunal

L-impjant għandu jkun iddisinjat biex jipprovdi taqsima definita b'mod ċar bħala 'mhux nadifa' fejn wieħed jirċievi l-materja prima u taqsima 'nadifa' minn fejn ikun ser jitlaq il-prodott lest. L-operat tal-impjant għandu jkun strutturat b'mod li jassigura mixja kontinwa mingħajr rġigħ lura ta' materjal minn meta tiġi rċevuta l-materja prima għall-istadju ta' pproċessar u wara għall-ħażna tal-prodott finali mingħajr l-ebda opportunità li jinqabeż xi stadju partikolari.

**Binjiet**

Ir-reception bay għandha tkun mgħottija u mibnija b'tali mod li tippermetti tindif u diżinfezzjoni mingħajr problemi.

Il-concrete jew uċuh oħra durabbli għandhom ikunu f'kundizzjoni tajba u bil-madum biex jiffaċilitaw id-drenaġġ tal-likwidi. Artijiet mibnija tajjeb b'postijiet addattati fejn jaqa' l-ilma jgħinu biex l-ilma jmexxi u jgħaddi dirett għad-drenaġġ. Il-ħitan għandhom ikunu mibnija b'mod simili minn materjal b'saħħtu. Breezeblock hija xi ħaġa poruża u għaldaqstant għandha tkun issiġillata jew permezz tar-rendering jew bl-użu ta' lqugħ ieħor b'saħħtu e.ż. żebgħa apposta.

**Tagħmir**

It-tagħmir għandu jkun iddedikat għal kategorija waħda biss ta' prodotti sekondarji mill-annimali, idealment dan jinvolvi l-identifikar tat-tali tagħmir e.ż. kodiċi kkuluriti.

Iċ-ċaqliq ta' tagħmir għandu jkun ristrett, pereżempju, jekk il-proċess jitlob li l-qies ta' prodotti sekondarji mill-annimali jitnaqqas qabel l-ipproċessar, allura t-tagħmir li jintuża għal dan għandu jsib postu u jibqa' fit-taqsima ta' dawk mhux ipproċessati, u allura 'mhux nadifa'.

Jekk ikun hemm bżonn li t-tagħmir jintuża għal kategoriji differenti allura għandhom jiġu segwiti l-proċeduri fit-totalità tagħhom ta' tindif u diżinfezzjoni (għat-trasferiment ta' tagħmir li jintuża fl-ipproċessar minn kategorija 1 għal kategorija 2 jew 3 allura dan ikun jeħtieġ li ssirlu dekontaminazzjoni kawstika). Bl-istess mod, jekk ikun meħtieġ li jiċċaqlaq tagħmir mit-taqsima mhux nadifa għal dik nadifa, allura dan għandu jgħaddi minn proċess sħiħ ta' tindif u diżinfezzjoni.

Ix-xogħol ta' manutenzjoni għandu jsir biss minn persunal imħarreġ u kompetenti. Dawn għandhom jassiguraw li x-xogħol tagħhom ta' rutina ma jirriżultax f'kategoriji differenti ta' prodotti sekondarji mill-annimali jikkontaminaw lil xulxin. Il-proċeduri għaż-żamma u s-servicing ta' tagħmir għandhom jiġu inklużi fil-Proċedura Standard tal-Operat (SOP) għall-impjant.

**Tindif u Diżinfezzjoni**

Għandu jkun hemm faċilitajiet aċċessibli għat-tindif u d-diżinfettar ta' kontenituri li fihom jirċievu l-prodotti sekondarji ġejjin mill-annimali u l-vetturi li fihom jinħażnu jew jiġu trasportati. It-tip ta' faċilitajiet jiddependi mis-sitwazzjoni pereżempju steam cleaner, pajp tal-idejn jew sistemi awtomatiċi ta' tindif jew diżinfezzjoni kimika li tuża diżinfettant approvat. Il-faċilitajiet għandhom ikunu kapaċi jiddiżinfettaw ir-roti ta' vetturi u partijiet oħra mill-vetturi meta jitilqu mis-sessjonijiet mhux nodfa tas-sit. Titjir jew ċarċir miż-żoni tat-tindif m'għandhomx jikkontaminaw il-prodott ipproċessat.

**Ħażna**

Kategoriji differenti ta' prodotti sekondarji ġejjin mill-annimali, mhux ipproċessati, għandhom jinħażnu b'mod separat sakemm dawn ma jkunux ser jitħalltu u jiġu meqjusa bħala kategorija ta' riskju għoli. Prodotti minn linji separati għandhom jinħażnu b'mod separat sakemm mhumiex maħsuba għall-istess rotta ta' rimi. Jekk prodotti pproċessati ġejjin minn kategoriji differenti jew speċi differenti jinħażnu flimkien allura l-prodotti kollha maħżuna għandhom jiġu trattati bħala materjal ta' riskju għoli.

**Persunal**

Għandu jkun hemm proċeduri mdaħħla fis-seħħ li jikkontrollaw il-moviment ta' persunal bejn iż-żoni, inkluż diżinfezzjoni ta' żraben u t-tibdil ta' ħwejjeġ protettivi bil-għan li jkun hemm prevenzjoni ta' materjal li jgħaddi minn żona għal oħra. Għandu jkun hemm ilbies protettiv ikkulurit b'mod differenti biex jassigura li jkun hemm separazzjoni bejn il-persunal li jkunu qed jaħdmu f'żona nadifa u dawk le. Għandhom jiddaħħlu fis-seħħ proċeduri li jikkontrollaw ir-riskji li ma jiġux trażmessi b'mod intern bħal fl-użu tat-toilets, iċ-changing rooms u l-canteens.

Il-persunal kollu li jkun qed jaħdem fuq is-sit għandu jkun imħarreġ b'mod addattat fuq xogħlu. It-taħriġ għandu jinkludi għarfien tal-SOP u kwalunkwe punt ieħor kritiku ta' kontroll fiż-żona li taqa' fir-responsabbiltà ta' kull individwu. Għandu jinżamm rekord bil-miktub tat-tali taħriġ. Huwa rakkomandat ukoll li tinżamm lista ta' dawk l-individwi mill-persunal li għandhom il-bhejjem tagħhom għal skopijiet ta' pjanijiet ta' kontinġenza b'rabta ma' mard notifikabbli.

## Liema huma r-rekwiżiti addizzjonali ta' iġjene meħtieġa?

Flimkien mad-dettalji mogħtija hawn fuq, ir-rekwiżiti ġenerali tal-iġjene li jsegwu huma meħtieġa għall-approvazzjoni ta' impjanti ta' rendering:

- Il-proċeduri ta' tindif għandhom ikunu stabbiliti għaż-żoni kollha tal-impjant tar-rendering. Għandhom isiru spezzjonijiet iġjeniċi regolari tal-ambjent u t-tagħmir filwaqt li jiġu dokumentanti biex ikun assigurat li qed jiġu segwiti l-proċeduri tat-tindif. Titjir jew taqtir mit-tindif m'għandhomx ikunu permessi jiġu f'kuntatt mal-prodott finali pproċessat;
- Għandhom jiġu pprovduti sistemi adegwati ta' toilets, changing rooms u sinkijiet għall-persunal. Dawn il-faċilitajiet għandhom ikunu jew parti miż-żona fejn jaħdmu jew immedjatament ma' ġenbha. Portable toilets huma aċċettabbli; madanakollu faċilitajiet li jkunu f' dwelling houses mhumiex aċċettabbli;
- L-impjant tar-rendering għandu jkollu sistema ta' rimi ta' ilma maħmuġ (ara hawn isfel 'Kif għandu jiġi trattat l-ilma mormi')
- L-impjant għandu jkollu arranġamenti apposta għall-protezzjoni kontra l-pesti, bħall-insetti, ġrieden u għasafar. Skont kemm huwa prattikabbli, is-sit għandu jkun eskluż mill-insetti, għasafar u l-ġrieden, u għandu jkun hemm programm ta' kontroll tal-ġrieden. L-operatur għandu jieħu wkoll miżuri biex jimminimizza l-livelli ta' insetti fis-sit billi juża screens u/jew miżuri ta' kontroll tal-insetti e.ż. tagħmir tal-elettriku li joqtol l-insetti.

## Liema rekwiżiti ta' operat għandhom jintlaħqu?

L-impjant tar-rendering għandu jkollu kontroll fuq l-operat tal-impjant sabiex ikun assigurat li tintlaħaq is-separazzjoni tal-materjali, jintlaħqu l-kundizzjonijiet ta' pproċessar, u s-sistema tad-dokumentazzjoni kollha tkun aġġornata. It-tagħmir għandu jiġi ċċekkjat b'mod regolari filwaqt li jinżamm f'kundizzjoni tajba ta' tiswija.

Fejn hemm meħtieġ trattament bis-sħana jew bil-pressa, l-installazzjonijiet kollha għandhom ikunu mgħammra b'tagħmir li jkejjel kontinwament biex isir monitoraġġ tat-temperatura u, fejn applikabbli, tal-pressa f'punti kritiċi. It-tagħmir ta' kejl i.e. pressure gauges, thermocouples u recorders, għandhom ikunu kkalibrati minn tal-anqas darba fis-sena u jinżammu r-rekords tal-kalibrazzjoni.

Kwalunkwe materjal li ma jkunx ingħata trattament speċifiku tas-sħana għandu jiġi ċċirkolat mill-ġdid permezz tat-trattament tas-sħana, ipproċessat mill-ġdid jew mormi skont ir-Regolamenti ABP.

Jekk il-kategoriji tal-prodotti sekondarji mill-Annimali huma taħlitiet allura l-kunsinna kollha tiġi trattata bħala waħda ta' riskju għoli, pereżempju, jekk materjal ta' kategorija 1 jitħallat ma' materjal ta' kategorija 2, allura l-kunsinna kollha għandha titqies bħala kategorija 1.

L-impjant tal-ipproċessar għandu jkollu kapaċità ta' produzzjoni biżżejjed għall-ilma jaħraq u fwar għall-ipproċessar ta' ABPs.

## Liema huma r-rekwiżiti speċifiċi għal materjali ta' kategorija 1 u 2?

Jekk l-impjant tar-rendering jixtieq li jipproċessa kemm materjali ta' kategorija 1 kif ukoll 2 f'sit wieħed ir-regolament ABP titlob separazzjoni totali ta' materjal ta' kategorija 1 minn dak ta' kategorija 2 matul il-proċess kollu i.e. minn meta tasal il-materja prima sakemm il-prodott finali jitlaq minn fuq is-sit. Is-separazzjoni totali għandha tittieħed li tfisser li ż-żewġ linji joperaw f'partijiet separati tal-binja i.e. diviżi b'ħajt jew partition. Żoni b'materja prima esposta u pproċessata għandhom ikunu separati kompletament b'ħajt jew partitions mill-art sas-saqaf.

**Nota:** jekk kategoriji ta' prodotti sekondarji mill-annimali jitħalltu allura l-kunsinna sħiħa titqies bħala ta' riskju għoli u tkun teħtieġ ipproċessar bħala tali.

Liema huma r-rekwiżiti speċifiċi għal materjali ta' kategorija 3?

Impjanti li jipproċessaw materjali ta' kategorija 3 ma jistgħux ikunu fuq l-istess sit ta' impjanti li jipproċessaw prodotti sekondarji mill-annimali ta' kategorija 1 jew 2, sakemm dawn ma jkunux lokalizzati f'binjiet separati kompletament i.e. diviżi b'ħajt jew partition. Żoni b'materja prima esposta u pproċessata għandhom ikunu separati kompletament b'ħajt jew partitions mill-art sas-saqaf.

Jista' jkun hemm approvazzjoni biex jiġu trattati u pproċessati materjali ta' kategorija 3 fl-istess sit ta' kategorija 1 u 2 jekk jiddaħħlu fis-seħħ il-miżuri li jsegwu biex jiġi evitat li jkun hemm kontaminazzjoni inkroċjata:

- It-tqassim u l-immaniġġjar tas-sit, b'mod partikolari ż-żona fejn tasal il-materja prima, il-linji tal-ipproċessar inkluż it-tagħmir, u l-ħażna ta' prodotti għandhom jassigraw separazzjoni ta' materjali filwaqt li jipprevjenu l-kontaminazzjoni inkroċjata.
- Għandu jkun hemm fis-seħħ proċeduri addattati ta' tindif u diżinfettar filwaqt li jkunu infurzati, meta jiġi kkunsidrat il-livell miżjud ta' riskju.

Jekk impjant tar-rendering tat-tip ta' kategorija 3 qed jipproduċi prodotti li huma maħsuba li jiġu mitmugħa lill-annimali allura għandu jkun hemm fis-seħħ mekkaniżmi li jiskopru u jneħħu materjal aljen bħal materjal tal-ippakkjar, plastik jew oġġetti tal-metall kemm mill-materja prima jew mill-prodott finali. It-tali materjal aljen għandu jitneħħa qabel jew waqt l-ipproċessar.

## Kif għandu jiġi trattat l-ilma mormi?

L-impjanti kollha tal-ipproċessar għandhom ikollhom sistema ta' rimi ta' ilma ħażin li tilħaq ir-rekwiżiti maħruġa mill-awtorità kompetenti skont il-liġi tal-UE.

Impjanti tar-rendering ta' Kategorija 1 u 2 huma mitluba li jkollhom fis-seħħ sistema ta' trattament minn qabel tal-ilma għar-rimi li tikkonsisti minn drain traps jew screens b'għarbiel ta' qies mhux akbar minn 6mm lejn l-aħħar parti tal-proċess. L-iskop ta' din is-sistema huwa li jassigura li kull tip ta' materjal solidu fl-ilma għar-rimi huwa iżgħar minn 6mm. Ilma għar-rimi li jkun iffiltrat biss permezz tas-sistema ta' trattament minn qabel ikun jista' jitlaq mis-sit.

Mhux permess li jsir tħin, maċerazzjoni jew ipproċessar minn qabel ta' materjal solidu biex ikun jista' jgħaddi mis-sistema ta' trattament minn qabel.

Kull materjal li jinqabad fis-sistema ta' trattament minn qabel għandu jinġabar u jiġi mormi bħala materjal ta' kategorija 1 jew 2 skont ir-Regolamenti ABP.

Mhux permess ir-rimi ta' likwidu ta' prodotti sekondarji mill-annimali (e.ż. demm jew ħalib) jew prodotti ġejjin minnhom fis-sistema ta' ilma għar-rimi anke jekk dawn jgħaddu mis-sistema ta' trattament minn qabel.

## Liema ttestjar mikrobijoloġiku ta' rutina jenħtieġ?

L-operaturi huma meħtieġa li jwettqu ttestjar mikrobijoloġiku fuq il-prodotti lesti. In-natura u l-frekwenza tat-testijiet jiddependi mis-sors tal-materja prima u d-destinazzjoni finali intenzjonata tal-materjal ipproċessat.

Għal skopijiet ta' validazzjoni:

- Metodi minn 1 sa 6 ma jeħtiġux testijiet batterjoloġiċi, madanakollu, metodu 7 tal-ipproċessar jeħtieġ testijiet għall-Clostridium, Salmonella u Enterobacteriacaea (ara 'Liema huma r-rekwiżiti speċifiċi għal metodu 7 tal-ipproċessar?').

Għal skopijiet ta' kampjuni ta' rutina:

- prodott finali li ġej minn materjal ta' Kategorija 1 u li sejjer għall-qerda jew għall-miżbla u prodott finali li ġej minn materjal ta' Kategorija 2 u li sejjer għall-qerda jew għall-miżbla ma jeħtiġx ittestjar;
- prodott finali li ġej minn materjal ta' Kategorija 2 u Kategorija 3 u li ser jintuża bħala fertilizzant organiku jew titjib fil-ħamrija, bijogass jew kompost kull ġimgħa għandhom jittieħdu kampjuni minnu għas-Salmonella u l-Enterobacteriacea;
- għal prodott finali li ġej minn materjal ta' Kategorija 3, li hu maħsub bħala għalf għandhom jittieħdu kampjuni kuljum tal-materjal li jkun ser jiġi kunsinnat mis-sit. Il-kampjuni għandhom jiġu ttestjati għas-Salmonella u l-Enterobacteriacea
- għal prodott finali li ġej minn materjal ta' Kategorija 3, li mhux maħsub għall-użu fl-għalf għandhom jittieħdu kampjuni minnu għas-Salmonella u l-Enterobacteriacea kull ġimgħa sakemm ma jkunx sejjer għall-qerda jew għall-miżbla f'liema każ ma jkunx hemm bżonn li jiġi ttestjat.

L-impjant għandu jkollu l-laboratorju tiegħu fuq is-sit jew juża laboratorju estern li huwa mgħammar biex iwettaq it-testijiet meħtieġa. Il-laboratorju għandu jkun akkreditat bl-istandard internazzjonali ISO17025 biex ikun jista' jagħmel it-testijiet.

## Għandi bżonn Proċedura Standard ta' Operat?

Flimkien ma' Pjan għall-Analiżi tal-Perikli u l-Punti Kritiċi ta' Kontroll (HACCP) li jagħti dettall tal-kontroll tal-proċessi fi ħdan l-impjant, jeħtieġ li jkun hemm Proċedura Standard tal-Operat (SOP). Waqt li ħafna drabi dawn ikunu flimkien bħala dokument wieħed huwa essenzjali li l-pjan HACCP ikun identifikat b'mod ċar u akkumpanjat minn dokumentazzjoni ta' monitoraġġ u azzjoni korrettiva.

Bħala minimu, l-SOP għandha tinkludi l-informazzjoni li ssegwi:

- immaniġjar taż-żoni komuni u dawk maqsuma inkluż il-proċeduri li wieħed għandu jsegwi f'każ ta' kontaminazzjoni inkroċjata:
    - Żoni komuni jinkludu canteens, uffiċċji, impjanti għat-trattament tal-ilma mormi u boilers. Proċeduri biex tiġi evitata kontaminazzjoni inkroċjata f'żoni komuni għandhom jinkludu r-rekwiżit għall-'persunal' li jneħħi l-ħwejjeġ ta' fuq nett u jbiddel iż-żarbun qabel jidħol fiż-żona komuni.
    - Żoni maqsuma jinkludu dawk fejn jiġu trattati u trasportati l-prodotti sekondarji mill-annimali. Għal-linji ta' Kategoriji 1 u 2, iż-żoni maqsuma jistgħu jinkludu l-post fejn tasal il-materja prima u l-ħażna fl-istess post; 2 cookers jew aktar fl-istess post; weighbridge; dħul għall-pubbliku; parkeġġ u ħasil tat-trakkijit.
- Immaniġġjar ta' tixrid ta' kull tip ta' prodott sekondarju ġej mill-annimali u/jew prodotti pproċessati
- Immaniġġjar tat-tagħmir inkuż tagħmir mobbli (e.ż. kodiċi bil-kuluri), proċeduri f'każ ta' tagħmir li jieqaf jaħdem, manutenzjoni, eċċ.
- Rekwiżiti tal-persunal inkluż taħriġ
- Rekwiżiti ta' ħażna tal-materja prima u l-prodotti finali.

## Liema huma r-rekwiżiti b'rabta mal-immarkar permanenti bil-glycerol-trihepta-noate (GTH)?

Anness VIII kapitolu V tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-UE jelenka r-rekwiżiti speċifiċi għall-immarkar permanenti ta' prodotti ġejjin minn kategorija 1 u kategorija 2 bil-glycerol-tri-heptanoate (GTH).

GTH huwa xaħam li ma jeżistix fin-natura u li jista' jiflaħ għall-kundizzjonijiet estremi ta' sterilizzazzjoni li jintużaw fl-impjanti tar-rendering. Meta applikat fi proċess tar-rendering, GTH jikkonċentra fix-xaħam ipproċessat jew fil-komponent ta' xaħam tal-laħam u l-bonemeal u jkun jista' jintuża biex jimmarka b'mod permanenti l-prodott finali. Dan jippermetti li materjali pproċessati ta' kategorija 1 u 2 jiġu identifikati wara li jsir ir-rendering.

M'hemmx rekwiżit biex jiġi inkorporat il-GTH fi prodotti sekondarji ġejjin mill-annimali li huma maħsuba għal inċinerazzjoni immedjata diretta jew ko-inċinerazzjoni fi ħdan l-istess sit tar-rendering jekk il-materjal jiġi trasportat b'sistema ta' closed conveyer.